MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2010

Numru. 239/1991

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Vincent Ungaro)**

**Vs**

**Louis Pace**
**Joseph Camilleri**
**Mark Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati u dan talli f'Paceville, San Giljan fil-lejl ta' 25/26 ta' Mejju 1991 ghal xi 2.30am,
a) ikkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jason Bartolo (per durata) kif iccertifika Dr. Khalid El-Nahhal tal-Isptar San Luqa u
b) aktar talli bil-lejl kisru il-paci pubblika bl-ghajjat u glied.

Sema’ lill-imputati jiddikjaraw li ma ghadhomx oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (fol 11 sa fol 13 tal-atti).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat b’din il-procedura (fol 19 ibid).

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzati minn jeddhom.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-istess akkuzati.

Semghet it-trattazjoni.

Ikkunsidrat

Illi, kif xehed, l-istess Ufficjal Prosekutur (fol 20 et seq ibid), hu spjega illi fil-lejl in kwistjoni ghall-habta tat-3am, hu kien gie informat illi certu Jason Bartolo kien sofra griehi permezz ta’ ksur f’idejh. In konnessjoni ma’ dan il-kaz, kienu gew arrestati l-akkuzati. Difatti hu kien interroga lil dawn it-tlieta u kull wiehed minnhom kien irrilaxxa stqarrija bil-mitub wara li gew debitament imwissija skond il-ligi, liema dokumenti huma markati Dov VU1 sa 3 a fol 24 sa fol 26 tal-atti. Fil-qasir, it-tlett akkuzati cahdu li kienu nvoluti f’dan il-kaz. Wara, fid-29 ta’ Mejju 1991, kienet saret ‘identification parade’ fl-ghassa tal-Belt Valletta, specifikatament fil-‘lock up’ ta’ din l-ghassa. Hawnhekk Jason Bartolo kien gie muri f’linja, erba’ (4) minn nies fosthom it-tlett akkuzati u hu gharaf lill-istess tlett akkuzati bhala dawk in-nies li aggredewh f’dan l-incident. Fl-istess incident il-ferut kien akkumpanjat minn certu Colin Smith u dan meta muri l-istess erba’ persuni, kien gharaf tnejn (2) minnhom bhala l-aggressuri waqt li wera’ dubbju dwar l-akkuzat Joseph Camilleri.

Illi dwar il-feriti li garrab Jason Bartolo gie prodott it-Tabib Khalid M. Nahhal (fol 27 et seq ibid u fol 17 ibid). Dan beda billi qal illi, ghall-habta tal-4am tal-istess lejl hu ezamina lil Jason Bartolo li kien qed jilmenta minn ugieg

fil-polz tax-xellug u minn ‘X-ray’ li saret, giet riskontrata frattura fil-‘lower end of radius’ minghajr ma kien hemm ‘displacement’. Minhabba hekk l-istess tabib pogga l-gibs fil-parti involuta u ta’ appuntament lill-istess ferut sabiex jzur specjalist tal-ghadam izda mill-‘file’ ma jidhirx li kien attenda ghal dan l-appuntament. L-istess xhud, fic-certifikat mediku rilaxxat minnu u ezebit a fol 17 ibid kien iddikjara li l-ferita deskritta kienet gravi ‘per durata’ izda, imbaghad, spjega li ferita bhal din iddum sabiex tfiq “bejn tlieta u erba’ gimghat” u ma setax jghid “…jekk damx aktar minn erba’ gimghat jew le”.

Illi l-istess ferut xehed (fol 30 u fol 38 et seq ibid) illi ghall-habta tas-1.30am tal-istess lejl, hu kien miexi f’Paceville akkumpanjat minn habib tieghu Colin Smith, xi ftit il-boghod minnu. Hawnhekk hu sema’ l-hoss ta’ karozza gejja minn warajh u li kwazi tajrithom u f’daqqa wahda mill-istess karozza hargu hafna nies (almenu hamsa) u bdew jsawtuh anke meta kien mal-art. Kif spicca kollox, hu hares madwaru, ma ra’ lill-hadd u wara li mar vicin il-bahar sabiex jitnaddaf, hu mar f’diskoteka fejn sab lill-istess habib tieghu b’Pulizija mieghu. Fl-istess lejl, hu kien ittiehed vicin ‘van’ tal-Pulizija u go fih kien ra’ wahidhom lit-tlett akkuzati kif ukoll fl-Isptar. L-ghada filghodu, fl-ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta, hu kien intwera erba’ minn nies fi speci ta’ ‘identification parade’ u hawnhekk, fosthom kien gharaf lit-tlett akkuzati bhala dawk involuti f’dan l-incident. In rigward il-ksur tal-polz, irrizulta li madwar tlett gimghat (jew anqas jew aktar) wara l-incident, l-istess ksur kien fieq izda kien fadal xi ftit ugieh. Dwar il-motiv ta’ dan l-incident, ix-xhud ma setax jghid x’kienet ir-raguni tieghu u fil-lejl in kwistjoni, qabel l-incident, ma kienx ra’ lit-tlett akkuzati.

Illi meta xehed Colin Smith (fol 69 et seq ibid) dan spjega li wara li hu u Jason Bartolo kienu attendew kuncert ta’ muzika moderna fuq ‘Manuel Island’ kienu ghall-habta ta’ nofs il-lejl marru flimkien f’Paceville ma zewg persuni femminili mhux identifikati. Eventwalment, it-tnejn kienu mexjin ghan-nizla fuq il-lemin, meta karozza tat-tip “saloon”, ta’ kulur ahmar u aktarx tal-marka ‘Mazda’ giet vicin taghhom hafna u waqfet ftit jardi warajhom, f’nofs

salib it-toroq. Minnha hargu diversi nies (“jew tnejn jew tlieta minn nies”). Hu dar fuqhom u peress li immagina x’kien ser jigri, qalilhom li ma riedux inkwiet. Izda wiehed minn dawk in-nies jidher li ried l-inkwiet u ghalhekk aggredixxa lil Jason Bartolo. Difatti l-habib tieghu gie mbuttat minn din il-persuna u “…minn wiehed jew tnejn ohra”. Dwar in-numru, x-xhud spjega illi “kien hemm erba’ persuni involuti u forsi tnejn ohra. Meta ra’ dak li kien qed jigri b’siehbu mal-art aggredit, hu avvicina lill-istess siehbu sabiex jerfghu izda l-ohrajn daru ghal fuqu, specjalment l-ewwel persuna li indika, u ghalhekk hu ddefenda ruhu billi refa’ idejh quddiem wiccu sabiex jilqa’ d-daqqiet. Inoltre wara li waqa’ mal-art u rnexxielu jqum, hu harab l-hemm, insegwit ghal ftit sekondi. Meta ra’ zewg Pulizija hu talab l-assistenza taghhom. Hawnhekk, xi pulizija stazzjonati fl-‘Special Assignment Group’ ipprovaw jwaqqfu l-karozza misjuqa izda minghajr success. Sussegwentment, hu kien gie muri xi nies fuq ‘truck’ u hu kien gharaf lil dawn bhala dawk involuti fl-incident in ezami b’fosthom jkun hemm il-persuna “…li l-aktar qalghet inkwiet….” cjoe l-akkuzat Louis Pace. Inoltre saret ukoll ‘identification parade’ b’<u>erba’</u> (4) persuni jiehdu parti fiha u hu kien gharaf, fosthom it-tlett akkuzati. Ix-xhud spjega, ukoll, illi matul dak il-lejl, f’Paceville, hu ma kienx ra’ x’imkien qabel dan l-incident lit-tett akkuzati u eskluda li seta’ kien hemm xi argument li seta’ kkawza dan l-incident. <u>In kontro ezami</u> (fol 79 et seq ibid) hu semma li kien wasal f’Paceville xi ghaxar (10) minuti wara li kien telaq, kif akkumpanjat, minn ‘Manuel Island’. Hawnhekk f’Paceville hu dahal fi stabbiliment fejn “domna fiti mhux hazin”. Minn hawnhekk wara li ma eskludiex li seta’ mar f’xi stabbiliment iehor, hu u l-parti lesa, bdew jimxu fid-direzzjoni ta’ diskoteka, meta gara’ l-incident in ezami, skond hu ghall-habta tas-1am jew aktar tard. In rigward in-numru tan-nies li aggredewhom “hamsa jew sitta b’kollox”, hu qal illi tnejn hargu mill-karozza msemmija waqt li “xi erbgha” gew mill-istess karozza jew minn x’imkien iehor. Fl-istess kontro ezami, hu semma, illi waqt l-‘identifiaction parade’ fl-ghassa tal-Belt Valletta u in rigward l-erba’ minn nies partecipanti fiha, hu kien identifika tnejn minnhom “il-ghaliex kellhom xagharhom u hwejjeg distintivi” u dan bhala nies li kien ra’ fil-‘van tal-Pulizija, waqt li, fil-bidu ma

kienx cert dwar it-tielet wiehed. Dwar dan hu specifika li fl-1984, hu kien sofra feriti f'mohhu "u huwa difficli ghalija li niftakar malajr fatti li sehhew fil-qrib".

Ikkunsidrat

Illi PS 621 Pierre Calleja (fol 48 et seq ibid) spjega li ghall-habta tat-3.30am, kienu gew fl-ghassa ta' San Giljan, membri tal-'Special Assignment Group' flimkien ma persuna (Jason Bartolo) tilmenta minn ugieh f'idha wara li din ittiehedet fl-Isptar San Luqa, hu regghet lura u ghamlet rapport, ezebit in atti a fol 52 sa fol 53 ibid. Jigi notat illi f'dan ir-rapport hemm, filfatt, numru ta' vettura (E5251) tal-marka Mazda kulur kannella metallika. Skond dejjem l-istess rapport maghmul mill-parti lesa, minn din il-vettura kienu hargu tlieta minn nies u aggredw lilu u l-habib tieghu. L-istess rapport jkompli jghid illi dejjem l-istss vettura giet imwaqqfa minn membri tal-Special Assignment Group' u go fiha kiem hemm Louis Pace, Joseph Camileri u Mark Camilleri. PC 541 Patrick Falzon (fol 54 u fol 55 ibdi) spjega li din il-vettura kienet registrata fuq Joseph Camilleri residenti f'229, Qormi Road, Marsa, ir-residenza indikata bhala dik tal-akkuzat bl-istess isem a fol 52 ibid.

Illi PS 289 Alfred Magro (fol 107 et seq) kien, fil-lejl in kwistjoni, xoghol fil-lokalita in kwistjoni u ghall-habta tas-2.30am, hu kien irceva messagg dwar l-istess incident u meta mar fuq il-post, kien gie nfurmat minn Colin Smith illi "…kien ghadu kemm habtu ghalih xi erba' zaghzagh u telqu l-hemm f'karozza tal-marka Mazda kulur kannella bin-numru E5251". Sussegwentement hu kien ra' l-istess karozza, indikata lilu minn Colin Smith u fi stabbiliment tal-ikel fil-vicin instabu t-tlett akkuzati u ttiehdu f' 'van' tal-Pulizija u dawn it-tlett persuni gew murija lill-"ingliz" presumibilment Colin Smith u dan gharafhom bhala l-persuni nvoluti oltre li kien indikalu lill-akkuzat Louis Pace bhala dak li kien l-aktar aggressiv. Sussegwentement hu kien ha lill-ferut lejn l-Isptar ta' San Luqa u sussegwentement lit-tlett akkuzati fl-ghassa ta-Pulizija tal-Belt Valletta.

Ikkunsidrat

Illi, in difeza, xehdu:-

a) l-akkuzat Joseph Camilleri (fol 126 et seq ibid) u dan beda billi kkonferma kollha kemm hu, taht gurament, il-kontenut tal-istqarrija rilaxxata minnu u li tinsab a fol 25 ibid. Fiha hu kien stqarr illi, matul l-istess lejl, lejliet il-festa tal-Marsa sat-3am, kien jinstab jahdem f'bar fil-Marsa gestit minn missieru u wara li hu ghalaq dan il-bar, kien mar ma' "Mark" f'Paceville fejn waqt li kienu qed jieklu, gew migbura mill-Pulizija. Dawn kienu staqsewh jekk kellux karozza ta' kulur orangju tal-marka "Mazda" waqt li Louis Pace fl-ebda hin ma kien go fiha. Difatti dan tal-ahhar, fl-ebda hin ma kien rah matul il-lejl in kwistjoni. Inoltre, in rigward Jason Bartolo u Colin Smith, l-ewwel darba li kien rahom matul l-istess lejl kien meta hu u z-zewg ko-akkuzati kienu fil-'van' tal-Pulzija.

b) Louis Pace (fol 146 et seq ibid) wra li, fil-kaz tieghu ukoll, ikkonferma l-kontenut tal-istqarrija tieghu, li tinsab a fol 26 ibid semma li ghal habta tas-2/2.30am, kien telaq mill-Kazin tal-Banda fil-Marsa u ittiehed, minn habib tieghu, Charles Camilleri, f'Paceville fuq 'van' tal-marka 'Ford Transit' appartenenti lill-habib tieghu li pero', ma baqax mieghu. Eventwalment kien mar wahdu fi stabbiliment sabiex jiekol fejn kien ra' liz-zewg akkuzati l-ohrajn, minghajr ma tkellem maghhom. Meta gie arrestat, hu kien tpogga f' 'van' tal-Pulizija fejn kien hemm di gja, iz-zewg akkuzati l-ohrajn (ara ukoll ix-xhieda ta' John Camilleri, missier l-akkuzat Joseph Camilleri a fol 152 et seq ibid, ta' Nadine Camilleri, oht l-akkuzat Joseph Camilleri u gharusa ma' Mark Camilleri a fol 155 u ta' Charles Camilleri, hu l-istess Joseph Camilleri u li akkumpanja lil Lousi Pace f'Paceville, a fol 157 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif esposti u a bazi taghhom, din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni Taghha a bazi ta' dak li ser jinghad:-

1) Hu minnu illi kemm Jason Bartolo kemm Colin Smith kienu gharfu lill-akkuzati bhala involuti f'dan l-incident,

bhala fost dawk li aggredew lilhom, <u>izda minghajr ma irrizulta x'kienet ir-raguni jew motivi ta' dan l-incident u l-ghala gew aggrediti l-istess zewg persuni, specjalment Jason Bartolo</u>.

2) Wara li ezaminat l-istes xhieda specjalment ta' Jason Bartolo, ta' Colin Smith u ta' PS 289 Alfred Magro, bl-ebda mod <u>ma rrizulta car kif il-Pulizija kellhom jfittxu karozza bin-numru E5251. Filfatt kemm Jason Batolo kemm Colin Smith ma setghux jaghtu n-numru tal-vettura uzata mill-aggressuri jew uhud minnhom</u> waqt l-istess incident. Fil-fehma tal-Qorti, dan il-punt ghandu jigi konsiderat bhala "lacuna" pjuttost gravi fit-tezi tal-Prosekuzzjoni.

3) It-tlett akkuzati kollha kemm huma jsostnu, fix-xhieda taghhom illi ma kienux involuti f'dan l-incident. Difatti, skond huma, kollha kienu fil-Marsa meta sehh l-istess incident mid-dehra ghall-habta tas-1am jew ftit wara.

4) Dwar il-mod kif gew identifikati l-akkuzati, fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx skond kif 'identification parade' ghandha issir, izda kemm l-identifikazzjoni vicin il-van tal-Pulizija kemm fl-ghassa tal-Belt Valletta saru b'certa nuqqas ta' professjonalita u alkwantu dilettantesk.

5) Jigi notat ukoll illi l-istess Colin Smith fix-xhieda tieghu in kwistjoni semma illi hu difficli ghalih illi jiftakar malajr fatti li sehhew u graw fil-qrib, bhala zmien.

Illi, ghalhekk, il-Qorti tinsab rinfaccjata b'kaz fejn l-allegati aggressuri jsostnu illi fil-hin approssivament tal-incident ma kienux jinsabu f'Paceville izda fil-Marsa, b'identifikazzjoni ta' aggressuri li saret b'mod dilettantesk u li setghet tippregudika lill-parti lesa u Colin Smith meta dawn xehdu quddiem il-Qorti u gharfu, Quddiemha, lill-akkuzati bhala l-aggressuri u b'nuqqas ta' prova dwar kif il-karozza numru E5251 setghet kienet dik li kienet involuta fl-istess incident. Minhabba dawn il-fatturi, flimkien, l-istess Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzjoni

morali ossija nuqqas ta’ dubbju dettat mir-raguni illi l-akkuzati wettqu l-aggressjoni fuq il-ferut u Colin Smith.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti issib lill-akkuzati mhux hatja u tilliberhom mill-akkuzi kif migjuba kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------